



Brussell, 27 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2023/0413(COD)

---

16086/23  
ADD 1

AGRI 757  
FORETS 192  
ENV 1398  
CODEC 2305  
AGRILEG 318

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 27 ta' Novembru 2023

lil: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

Nru dok. Cion: COM(2023) 728 final Annex

Suġġett: ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 728 final Annex.

---

Mehmuż: COM(2023) 728 final Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.11.2023  
COM(2023) 728 final

ANNEXES 1 to 4

## **ANNESSI**

**tal-**

### **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti**

{SEC(2023) 384 final} - {SWD(2023) 372 final} - {SWD(2023) 373 final} -  
{SWD(2023) 374 final}

## **ANNESS I**

### **LISTA TA' DATA FORESTALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(2) U L- ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAGħHA**

#### **(a) Żona forestali**

**Deskrizzjoni:** żona forestali, fejn l-unità minima tal-immappjar għandha tkun ta' 0,5 ħa.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 10 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sena.

#### **(b) Densità tal-Kopertura tas-Siġar**

**Deskrizzjoni:** il-livell ta' densità tal-kopertura tas-siġar li jvarja minn 0 sa 100 %. Id-densità tal-kopertura tas-siġar hija ddefinita bħala projezzjoni vertikali tal-qċaċet tas-siġar għall-wiċċ orizzontali tad-din ja u tipprovi informazzjoni dwar il-kopertura proporzjonali tal-qċaċet għal kull pixel.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 10 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sena.

#### **(c) Tip ta' foresta**

**Deskrizzjoni:** kopertura tal-art forestali b'densità ta' kopertura tas-siġar ta' aktar minn 10 % b'tip ta' weraq dominanti (weraq wiesa' jew koniferi), esklużi ż-żoni ddedikati għall-użu agriku u urban, fejn l-unità minima tal-immappjar għandha tkun ta' 0,5 ħa.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 10 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull 3 snin.

#### **(d) Konnettività forestali**

**Deskrizzjoni:** il-grad ta' kompattezza taż-żoni forestali. Huwa ddefinit fil-medda ta' 0 sa 100.

**Metodu:** Deskrift f'Vogt, P., Caudullo G. EUROSTAT – *Regional Yearbook 2022: Forest Connectivity*, EUR 31072 EN, l-Uffiċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022

**Riżoluzzjoni spazjali:** 10 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sena.

#### **(e) Defoljazzjoni**

**Deskrizzjoni:** devjazzjoni negattiva sinifikanti tal-Indiċi tal-Erja tal-Weraq (LAI) fil-foresta, espressa bħala % tat-tnaqqis tal-LAI meta mqabbla max-xenarju bażi storiku tagħha, stabbilit abbażi tad-data ta' Copernicus. L-LAI jikkarratterizza l-ammont ta' weraq tal-koperturi tal-pjanti, id-definiti bħala l-erja ta' weraq aħdar fuq naħħa waħda għal kull unità tal-erja tas-superfiċje tal-art f'koperturi bil-weraq wiesa' u bħala nofs l-erja totali tas-superfiċje tal-labar għal kull unità tal-erja tal-art f'koperturi koniferi.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 300 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull ġimaghżej.

#### **(f) Nirien forestali**

Id-data elenkata hawn taħt għandha tīgħi pprovdu abbażi tal-prodotti tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali (EFFIS).

##### **i. Avvenimenti ta' nirien**

**Deskrizzjoni:** avvenimenti individuali ta' nirien b'perimetru tan-nirien delimitat. Il-perimetru tan-nirien jiġi stabbilit abbażi taż-żona maħruqa prodotta min-nirien jew bl-

akkumulazzjoni ta' anomaliji termali li jiġu identifikati mis-sensuri bis-satellita, li jirriżultaw f'żona maħruqa b'perimetru tan-nirien spċificu. L-avvenimenti ta' nirien huma kkaratterizzati mid-data tal-okkorrenza tan-nirien, mid-durata tan-nirien u mid-daqs tan-nirien.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 375 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas darba fil-ġimġha.

### ii. Żoni forestali maħruqa

**Deskrizzjoni:** żona li tkun sarililha ħsara minħabba l-okkorrenza ta' nirien fis-selvaġġ u li tkun ġiet identifikata mit-tnaqqis tar-rispons spettrali tal-veġetazzjoni wara n-nirien firrigward tal-kundizzjonijiet ta' qabel in-nirien.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 20 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas darba fil-ġimġha.

### iii. Severità tan-nirien

**Deskrizzjoni:** il-grad ta' ħsara fuq perjodu ta' żmien qasir ikkawżat lill-veġetazzjoni min-nirien fis-selvaġġ u espress f'kategoriji: mhux maħruqa, maħruqa, maħruqa b'mod ħafif, b'mod moderat u b'mod qawwi. Is-severità titkejjel bħala d-differenza bejn il-kundizzjonijiet tal-veġetazzjoni qabel in-nirien u l-istat tal-veġetazzjoni wara n-nirien u tīgi evalwata ftit wara li jseħħi avveniment ta' nirien.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 20 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** Kull ġimagħtejn.

### iv. Erożjoni tal-ħamrija wara n-nirien

**Deskrizzjoni:** it-telf potenzjali tal-ħamrija minħabba t-tnejħħija tal-veġetazzjoni minn nirien fis-selvaġġ. Dan jitkejjel abbażi tat-tip ta' veġetazzjoni affettwata, is-severità tan-nirien, li timplika t-tnejħħija parżjali jew totali tal-kopertura tal-veġetazzjoni, u l-użu tal-Ekwazzjoni tat-Telf tal-ħamrija Universal Riveduta kif definita f'Bosco, C. et al. (2015), Modelling soil erosion at European scale: towards harmonization and reproducibility, *Nat. Hazards Earth Syst. Sci.*, 15, 225–245, li tqis l-impatti potenzjali tat-temp fuq il-wiċċe tal-ħamrija.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 1 km<sup>2</sup> jew aktar fina.

**Frekwenza:** Kull ġimagħtejn.

### v. Irkupru wara avvenimenti ta' nirien

**Deskrizzjoni:** il-grad ta' rkupru tal-kopertura tal-veġetazzjoni f'żona affettwata min-nirien fis-selvaġġ u espress bħala perċentwal tal-istat tal-veġetazzjoni qabel in-nirien. Il-monitoraġġ u l-analiżi tal-irkupru tal-veġetazzjoni jsiru abbażi tat-tip ta' kopertura tal-art li kien jeżisti qabel l-avveniment ta' nirien.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 20 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sena.

## (g) Valutazzjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ

### i. Kontenut ta' ndewwa tal-fjuwil mejjet

**Deskrizzjoni:** l-indewwa tal-fjuwil hija kejl tal-ammont ta' ilma fi fjuwil (veġetazzjoni) disponibbli għal nar u hija espressa bħala perċentwal tal-piż niexef ta' dak il-fjuwil spċificu. Għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-periklu ta' nirien, l-indewwa tal-fjuwil tiġi kkalkulata abbażi tal-varjabbli meteoroloġiċi. L-indikaturi tal-kontenut ta' ndewwa tal-fjuwil għall-fjuwils fini, il-fjuwils ta' daqs intermedju u l-fjuwils ħoxnin huma pprovduti mill-kontenuti ta' ndewwa tal-fjuwil tal-Indiċi Meteoroloġiku tan-Nirien kif definit f'Van Wagner, C.E., Pickett, T.L., 1985. *Equations and FORTRAN program for the Canadian Forest Fire Weather Index System. Forestry Technical Report*. Canadian Forestry Service, Ottawa, il-Kanada.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 8 km jew aktar fina.

**Frekwenza:** *data* annwali mill-valuri ta' kuljum akkumulati.

### **ii. Kontenut ta' ndewwa tal-fjuwil ħaj**

**Deskrizzjoni:** L-indewwa tal-fjuwil hija kejl tal-ammont ta' ilma fi fjuwil (veġetazzjoni) disponibbli għal nar u hija espressa bħala perċentwal tal-piż nixef ta' dak il-fjuwil speċifiku. Għall-veġetazzjoni ħajja, il-kontenut ta' ndewwa tal-fjuwil ħaj jista' jinkiseb mill-inverżjoni ta' mudelli ta' trasferiment radjuattiv ta' tipi ta' veġetazzjoni.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 500 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull xahar.

### **iii. Mappa tat-tipi ta' fjuwil**

**Deskrizzjoni:** mappa tad-distribuzzjoni ta' tipi differenti ta' fjuwil. Tip ta' fjuwil huwa assoċjazzjoni identifikabbli ta' elementi tal-fjuwil ta' speċijiet, forma, daqs, arranġament distintivi, jew karatteristiċi oħra li jikkawżaw rata prevedibbli ta' tixrid jew reżistenza għall-kontroll f'kundizzjonijiet tat-temp speċifikati, bl-użu ta' mudelli standard ta' fjuwil għall-imġiba tan-nirien.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 100 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sentejn.

### **(h) Disturbi fil-kopertura tas-siġar**

**Deskrizzjoni:** mapep ta' żoni fejn il-kopertura tas-siġar inbidlet b'mod sinifikanti, jew temporanjament jew bħala degradazzjoni gradwali, inklużi l-parametri li ġejjin li jispjegaw il-karatteristika tad-disturbi identifikati:

- (i) iż-żmien – il-jum tas-sena li jimmarka l-punt tal-bidu tad-disturb identifikat;
- (ii) il-kobor – deskrizzjoni tal-kobor tal-anomalija ta' disturb meta mqabbla max-xenarju bażi espress mill-attività fotosintetika;
- (iii) l-irkupru – deskrizzjoni tad-durata u l-kobor tar-ritorn għax-xenarju bażi wara d-disturb.

**Riżoluzzjoni spazjali:** 10 m jew aktar fina.

**Frekwenza:** mill-anqas kull sena.

## **ANNESS II**

### **LISTA TAD-DATA FORESTALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5(3) U L- ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI TAGħHA**

#### **(i) Foresta disponibbli għall-provvista tal-injam u foresta mhux disponibbli għall-provvista tal-injam**

**Deskrizzjoni:** id-diviżjoni taż-żona forestali fi:

(i) Foresta disponibbli għall-provvista tal-injam – foresti fejn ir-restrizzjonijiet ambjentali, soċjali jew ekonomiċi ma għandhomx impatt sinifikanti fuq il-provvista kurrenti jew potenzjali tal-injam. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' atti legali, deċiżjonijiet maniġerjali jew tas-sid jew minn fatturi oħra.

(ii) Foresta mhux disponibbli għall-provvista tal-injam – iż-żona forestali kollha li ma hijex meqjusa bħala disponibbli għall-provvista tal-injam skont il-punt (a). Dawn huma foresti fejn restrizzjonijiet ambjentali, soċjali, ekonomiċi jew legali jipprevjenu kwalunkwe provvista sinifikanti tal-injam. Dan jinkludi:

(1) foresti b'restrizzjonijiet legali jew restrizzjonijiet li jirriżultaw minn deċiżjonijiet oħra ta' politika li jeskludu totalment jew jillimitaw severament il-provvista tal-injam għal raġunijiet bħall-konservazzjoni ambjentali jew tal-bijodiversità (foresta ta' protezzjoni, parks nazzjonali, riżervi naturali u żoni protetti oħra bħal dawk ta' interessa ambjentali, xjentifiku, storiku, kulturali jew spiritwali speċjali);

(2) foresti fejn il-produttività fízika jew il-kwalitá tal-injam tkun baxxa wisq jew il-kostijiet tal-ħsad u tat-trasport ikunu għoljin wisq biex jiġiustifikaw il-ħsad tal-injam, minbarra l-qtugħ okkażjonali għall-awtokonsum.

**Unità:** is-sehem ta' żona forestali.

**Riżoluzzjoni spazjali:** il-valur nazzjonali u ta' NUTS2.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiżjoni tad-data:** kull sena.

#### **(j) Volum ta' injam wieqaf (għal kull ettaru)**

**Deskrizzjoni:** Il-volum aggregat 'il fuq mill-art taz-zkuk ġajjin u weqfin kollha fuq żona forestali, kondiżiż għal kull Tip ta' Foresti Ewropej. Inklużi l-volumi taz-zkuk fuq il-qoxra tas-siġra — mill-għoli tal-ġidra sa u inkluż il-parti ta' fuq taz-zokk — ta' zkuk ġajjin b'dijametru ta' aktar minn 0 cm fil-livell tas-sider (għoli ta' aktar minn 1,30 m).

**Unità:** m<sup>3</sup> ħa<sup>-1</sup>.

**Riżoluzzjoni spazjali:** livell nazzjonali, ta' NUTS 2 u tas-sit ta' monitoraġġ.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiżjoni tad-data:** kull 5 snin.

#### **(k) Żieda Annwali Netta (għal kull ettaru)**

**Deskrizzjoni:** iż-żieda annwali grossa tnaqqas minnha t-telf naturali annwali medju, jiġifieri s-siġar li jmutu matul il-perjodu bejn żewġ stħarriġiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art u li jibqgħu mhux maħsuda fil-forestu, kondiżiż għal kull Tip ta' Foresti Ewropej.

Iż-żieda annwali hija ddefinita bħala ż-żieda annwali medja ta' siġar ġajjin fuq iż-żona forestali matul il-perjodu bejn żewġ stħarriġiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art. Dan jiġi espress f'termini ta' żieda fil-volum u jinkludi l-komponenti tat-tkabbir ta' siġar b'dijametru ta'  $\geq 7,5$  cm fil-livell tas-sider. Iż-żieda fil-volum tinkludi ż-żieda fuq il-qoxra tas-siġra mill-għoli tal-ġidra sad-dijametru ta' fuq ta' 7 cm, u għas-siġar tal-weraq wiesa' tinkludi wkoll fergħat kbar b'dijametru minimu ta' 7 cm.

Iż-żieda annwali netta tikkorrispondi għaż-żieda annwali grossa billi tirreferi għall-istess żona forestali spċifikata, għall-istess perjodu bejn żewġ stħarriġiet tas-sit ta' monitoraġġ fuq l-art, bl-użu tal-istess limiti u bl-inklużjoni tal-istess partijiet tas-siġar.

**Unità:** m<sup>3</sup> ħa<sup>-1</sup> sena<sup>-1</sup>

**Riżoluzzjoni spazjali:** nazzjonali, livell ta' NUTS 2 u livell tas-sit ta' monitoraġġ.

**Akkuratezza:** intervall ta' kunsidenza tad-data li għandha tiġi pprovduta.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 5 snin.

#### (l) Struttura tal-popolament

**Deskrizzjoni:** il-varjetà fid-distribuzzjoni tad-dijametru f'żona forestali partikolari.

**Unità:** l-ġħadd ta' siġar għal kull ettaru skont il-klassijiet tad-“dijametru fil-livell tas-sider” u l-ispeċċijiet tas-siġar.

**Riżoluzzjoni spazjali:** livell tas-sit ta' monitoraġġ

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 5 snin.

#### (m) Kompożizzjoni u rikkezza tal-ispeċċijiet tas-siġar

**Deskrizzjoni:** l-ġħadd ta' individwi għal kull speċi ta' siġra (jew gradi tassonomiċi aktar baxxi, fejn rilevanti) f'żona forestali partikolari.

**Riżoluzzjoni spazjali:** livell tas-sit ta' monitoraġġ

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 5 snin.

#### (n) Tipi ta' Foresti Ewropej

**Deskrizzjoni:** kif deskrītt fir-Rapport Tekniku Nru 9/2006 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

It-tipi ta' foresti Ewropej huma komunitajiet forestali ekoloġikament distinti ddominati minn assemlaqgi spċifici ta' siġar iddeterminati prinċipalment miż-żona latitudinali/altitudinali tal-veġetazzjoni Ewropea u minn varjazzjoni klimatika u edafika interna fihom. Dan jinvölv i-l-kategorizzazzjoni tal-foresti f'14-il kategorija, skont il-metodoloġija f'Giannetti, F., Baratti, A., Mancini, L.D. et al. *European Forest Types: toward an automated classification. Annals of Forest Science 75, 6 (2018)*.

**Riżoluzzjoni spazjali:** Valur nazzjonali aggregat għaż-żona forestali għal kull Tip ta' Foresti Ewropej; livell tas-sit ta' monitoraġġ.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 5 snin – biex jiġu kodifikati l-bidliet fit-Tip ta' Foresti Ewropej irreggistrati bejn iż-żjarat fis-siti ta' monitoraġġ.

#### (o) Tnejħhija

**Deskrizzjoni:** Il-volum tas-siġar kollha li jinħasdu u jitneħħew mill-foresti, inkluż injam irkużrat minn telf naturali, matul il-perjodu definit bħala sena kalendarja jew sena forestali. Dan jinkludi l-injam taz-zkuk maħsud u l-injam mhux taz-zkuk bħall-friegħi, l-għeruq u l-ġđur. Dan huwa aggregat li jinkludi l-fjuwil mill-injam u l-injam tond industrijal.

**Unità:** 1 000 m<sup>3</sup> taħt il-qoxra

**Riżoluzzjoni spazjali:** nazzjonali, distinti skont l-ispeċċijiet tal-weraq wiesa' u koniferi.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull sena.

#### (p) Injam mejjet

**Deskrizzjoni:** il-volum ta' siġar mejta weqfin u mimduda u l-fdalijiet ta' injam mejjet, b'dijametru ta' 10 cm jew akbar, f'żona forestali. Il-volum ta' injam mejjet wieqaf u mimdud jinkludi l-ġđur u l-għeruq.

**Unità:** m<sup>3</sup> ħa<sup>-1</sup>

**Riżoluzzjoni spazjali:** livell nazzjonali, ta' NUTS2 u tas-sit ta' monitoraġġ.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 5 snin.

### (q) Post tal-habitats forestali fis-siti ta' Natura 2000

**Deskrizzjoni:** il-post tal-habitats forestali kif elenkti fil-punt 9 tal-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE fi ħdan siti ta' importanza Komunitarja u ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni deżinjati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

**Riżoluzzjoni spazjali:** skala tal-immappjar ta' 1:25 000 jew aktar fina.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 6 snin.

### (r) L-abbundanza ta' għasafar komuni tal-foresti

**Deskrizzjoni:** l-indikatur tal-għasafar tal-foresti jiddeskrivi x-xejriet fl-abbundanza ta' għasafar komuni tal-foresti fil-firxiet Ewropej tagħhom maż-żmien. Huwa indiċi kompost maħluq mid-data ta' osservazzjoni tal-ispeċijiet tal-għasafar karatteristiċi għall-habitats forestali fl-Ewropa. L-indiċi huwa bbażat fuq lista speċifika ta' speċijiet f'kull Stat Membru. L-indiċi huwa bbażat fuq metodoloġija bħal dik ta' Brlik *et al. Long-term and large-scale multispecies dataset tracking population changes of common European breeding birds*, Sci Data 8, 21. 2021.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull 3 snin.

### (s) Post tal-foresti primarji u antiki

**Deskrizzjoni:** il-post ta' foresti primarji u antiki, kif definiti f'SWD(2023)62: *Guidelines for Defining, Mapping, Monitoring and Strictly Protecting EU Primary and Old-Growth Forests*

**Riżoluzzjoni spazjali:** skala tal-immappjar ta' 1:25 000 jew aktar fina

**Skeda ta' żmien:** Post immappjat u kondiviż sal-1 ta' Jannar 2028.

### (t) Żoni forestali protetti

**Deskrizzjoni:** il-post tal-foresti f'żoni protetti, b'mod konsistenti mar-rappurtar dwar żoni deżinjati fil-livell Nazzjonali lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, issupplimentata b'informazzjoni dwar il-livelli ta' protezzjoni tagħhom, inkluża protezzjoni stretta, u r-reġimi ta' ġestjoni assoċjati kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew f'dokumenti rilevanti oħra.

**Riżoluzzjoni spazjali:** skala tal-immappjar ta' 1:25 000 jew aktar fina.

**Skeda ta' żmien:** Kondiviża minn [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u aġġornata kull sena.

### (u) Produzzjoni u kummerċ ta' prodotti tal-injam

**Deskrizzjoni:** data dwar il-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam kif speċifikat fil-Kwestjonarju Konġunt dwar is-Settur Forestali u l-manwali rilevanti tal-utent.

**Frekwenza minima tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull sentejn, il-kondiviżjoni tad-data allinjata mal-iskeda ta' żmien tal-inizjattiva tal-Kwestjonarju Konġunt dwar is-Settur Forestali.

### (v) Bijomassa forestali għall-bijoenerġija

**Deskrizzjoni:**

**(i)** data dwar l-użu tal-bijomassa forestali għall-produzzjoni tal-enerġija konsistenti mar-rappurtar f'konformità mal-Parti I, il-punt (m) (1) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999, maqsuma fil-kategoriji ta' utenti li ġejjin:

(1) *Produttur tal-enerġija bħala attivită ewlenija:* impjanti li jiġġeneraw l-elettriku u/jew is-ħana għall-bejgħ lil partijiet terzi, bħala l-attività primaria tagħhom. Dawn jistgħu jkunu proprijetà privata jew pubblika. Il-bejgħ ma għandux għalfejn isir permezz tal-grilja pubblika.

(2) *Awtoprodutturi*: impjanti li jiġi generaw l-elettriku u/jew is-sħana kompletament jew parzjalment għall-użu tagħhom stess bħala attivitā li tappoġġa l-attivitā primarja tagħhom. Dawn jistgħu jkunu propjetà privata jew pubblika. Il-fjuwil użat għall-produzzjoni tas-sħana li jiġi kkunsmat fi ħdan l-istabbiliment tal-awtoprodutturi huwa inkluż hawnhekk.

(3) *Unitajiet domestiċi*: jinkludi l-konsum mill-unitajiet domestiċi, minbarra l-fjuwils użati għat-trasport. Dan jinkludi l-unitajiet domestiċi b'persuni impiegati.

(4) *Setturi oħrajin*: jinkludi kwalunkwe settur ekonomiku ieħor li ma huwiex inkluż f'dak imsemmi hawn fuq (eż., l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, is-servizzi kummerċjali u pubbliċi u t-trasport).

**(ii) data** dwar il-produzzjoni ta' “gerbub tal-injam u maltunelli tal-injam” konsistenti mal-valuri rrappurtati f'konformità mal-Parti I, il-punt (m), (1) (a), (b) u (c) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999, diviża skont it-tipi ta' materja prima inklużi fil-punti (a), (b) u (c) imsemmija hawn fuq.

**Unità:** l-oġġetti kollha għandhom jiġu rrappurtati f'volum solidu ta' 1 000 m<sup>3</sup>, ħlief għal-likur iswed u l-kolufonja likwida mhux raffinata li għandhom jiġu rrappurtati f'tunnellati.

Għall-kategoriji tal-Parti 1, il-punt (m), (1)(b)(iii), (1)(c), (1)(d)(i), u (1)(d)(ii) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-fatturi ta' konverżjoni għal 1 000 m<sup>3</sup> ekwivalenti ta' injam solidu għandhom jiġu rrappurtati kif definit mill-UNECE. 2010. *Forest product conversion factors for the UNECE region*. Ġinevra.

**Frekwenza tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data:** kull sentejn, il-kondiviżjoni tad-data għandha tiġi allinjata mal-iskedha ta' żmien għall-obbligu ta' rapportar tal-Parti 1, il-punt (m), tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999.

### **ANNESS III**

## **DESKRIZZJONIJIET GĦAD-DATA FORESTALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8**

### **(w) Disturbi forestali kkawżati minn fatturi oħra għajr niren**

**Deskrizzjoni:** mapep taż-żoni fejn il-kopertura forestali u l-ekosistema forestali nbidlu b'mod sinifikanti, iżda x'aktarx temporanġament. Il-prodott tad-data fih il-komponenti li ġejjin:

- (i) mappa annwali tad-disturbi b'indikazzjoni tal-äġġent ta' disturb probabbli u taż-żmien fis-sena meta jkun beda;
- (ii) monitoraġġ tad-disturbi kważi f'ħin reali, li jipprovdi twissijiet ġeolokalizzati li jindikaw fejn jidher li qed isehħi disturb forestali, jew li seħħi reċentement.

### **(x) Bijomassa tal-wiċċ**

**Deskrizzjoni:** mapep tal-bijomassa li hija s-somma tal-komponenti li ġejjin ta' siġar weqfin u ħajjin:

- (i) il-parti 'l fuq mill-art tal-ġidra (inkluża l-qoxra);
- (ii) iz-zokk mill-ġidra sal-parti ta' fuq taz-zokk tas-siġra inkluża l-qoxra (limitu ta' 0 cm għad-dijametru fil-livell tas-sider u għad-dijametru ta' fuq taz-zokk);
- (iii) il-friegħi mejta;
- (iv) il-friegħi ħajjin;
- (v) il-faxxina.

Il-partijiet ta' taħt l-art tal-ġidra, is-siġar b'għoli ta' anqas minn 1,3 m u l-arbuxelli ma humiex inklużi fl-istimi tal-bijomassa tal-wiċċ.

### **(y) Struttura tal-foresti**

**Deskrizzjoni:** mapep tal-proprietajiet strutturali tal-foresti u tal-kopertura tagħha abbażi tad-distribuzzjoni vertikali u orizzontali tal-qċaċet u d-distribuzzjoni ta' parametri oħra relatati mad-daqs tas-siġar.

### **(z) Valur ta' prodotti forestali mhux tal-injam**

**Deskrizzjoni:** il-valur tas-suq kummerċjali fil-ħruġ mill-foresti ta' oġġetti derivati mill-foresti li huma oġġetti tangħibbi u fiżiċi ta' oriġini bijoloġika ġħajr l-injam, allinjati mal-aktar dokument riċenti disponibbli *Terms and Definition* li jakkumpanja r-rapport tal-FAO dwar il-Valutazzjoni Globali tar-Riżorsi Forestali.

### **(aa) Post tal-habitats forestali barra minn siti ta' Natura 2000**

**Deskrizzjoni:** il-post tal-habitats forestali kif elenkti fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE barra minn siti ta' importanza Komunitarja u żoni speċjali ta' konservazzjoni deżejnjati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

### **(bb) Klassijiet tan-naturalezza forestali**

**Deskrizzjoni:** iż-żona forestali maqsuma f“foresta li tirriġenera b'mod naturali”, “foresta mħawla” u “foresta ta' tħawwil”, kif iddefiniti, rispettivament, fl-Artikolu 2, il-punti 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2023/1115.

### **(cc) Preżenza ta' speċijiet invażivi**

**Deskrizzjoni:** mapep ta' speċijiet aljeni invażivi ta' pjanti u siġar f'żona forestali, kif iddefiniti fil-lista ta' speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni stabbilita f'konformità

mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

**(dd) Diversità tal-veġetazzjoni mhux tas-siġar**

**Deskrizzjoni:** Timmappja r-rikkezza, il-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' speċijiet ta' pjanti mhux tas-siġar f'żona forestali.

**(ee) Speċijiet mhedda**

**Deskrizzjoni:** mapep tal-preżenza ta' speċijiet mhedda f'ekosistemi forestali kklassifikati skont il-kategoriji tal-Lista l-Ħamra tal-IUCN.

**(ff) Art imsaġġra oħra**

**Deskrizzjoni:** mapep ta' art imsaġġra oħra.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj>).

## **ANNESS IV**

### **ASPETTI RAKKOMANDATI GĦALL-PJANIJIET FIT-TUL INTEGRATI VOLONTARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 13**

1. ĦARSA ĠENERALI U PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TAL-PJAN
  - 1.1. Sommarju eżekuttiv
  - 1.2. Kuntest legali u ta' politika
  - 1.3. Konsultazzjoni pubblika
2. EVOLUZZJONI ĠENERALI TAL-EKOSISTEMI FORESTALI FL-ISTAT MEMBRU
  - 2.1. *Ix-xejriet, it-theddid, l-impatti kumulattivi, u opportunitajiet imbassra fir-rigward tal-ekosistemi forestali u s-servizzi tagħhom fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, inklużi iżda mhux limitati għall-2040 u l-2050, meta titqies id-data forestali rilevanti tal-Anness I u l-Anness II. Valutazzjoni integrata li tīġura s-sinerġiji u tindirizza l-kompromessi bejn il-miri u l-projezzjonijiet spċifici għas-settur skont il-punt 3.*
  - 2.2. *Pjanijiet nazzjonali u mira/i relatati mal-foresti għall-2030 u lil hinn, jekk disponibbli, u stadji importanti indikattivi għall-2040 u l-2050*
3. KONTENUT RELATAT SPEĊIFIKU GĦAS-SETTUR
  - 3.1. Bijodiversità
    - 3.1.1. *It-trajettorja jew il-medda maħsuba jew probabbli futura ta' data forestali rilevanti tal-Annessi I u l-Anness II; xejriet imbassra fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, inklużi iżda mhux limitati għall-2040 u l-2050,,*
    - 3.1.2. *Deskrizzjoni ġenerali tal-fatturi, il-politiki ewlenin, inklużi l-objettivi u l-miżuri; rabtiet mal-monitoraġġ u mal-ippjanar skont strumenti ta' politika oħrajn*
  - 3.2. Bijoekonomija bbażata fuq il-foresti
    - 3.2.1. *Xejriet imbassra għall-iżvilupp tal-bijoekonomija nazzjonali bbażata fuq il-foresti fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, inklużi iżda mhux limitati għall-2040 u l-2050. Il-bijoekonomija bbażata fuq il-foresti tinkludi l-industriji bbażati fuq l-injam, il-bijoenerġija tal-foresti, u l-prodotti u s-servizzi mhux tal-injam.*
    - 3.2.2. *Deskrizzjoni ġenerali tal-fatturi u l-politiki ewlenin, inklużi l-objettivi u l-miżuri; rabtiet mal-monitoraġġ u mal-ippjanar skont strumenti ta' politika oħrajn*
  - 3.3. Mitigazzjoni tal-klima fir-rigward tas-sekwestru tal-karbonju
    - 3.3.1. *It-trajettorja jew il-medda maħsuba jew probabbli futura ta' data forestali rilevanti tal-Annessi I u l-Anness II; Xejriet imbassra fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, inklużi iżda mhux limitati għall-2040 u l-2050,,*
    - 3.3.2. *Deskrizzjoni ġenerali tal-fatturi, il-politiki ewlenin, inklużi l-objettivi u l-miżuri; rabtiet mal-monitoraġġ u mal-ippjanar skont strumenti ta' politika oħrajn*
    - 3.3.3. *Rabtiet ma' politiki fil-qasam tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali*
  - 3.4. Adattament għat-tibdil fil-klima
    - 3.4.1. *Il-perikli u r-riskji klimatiċi mbassra fuq perjodu ta' żmien qasir (minn issa – 2040), fuq perjodu ta' żmien medju (2041 – 2070) u fit-tul (2070 – 2100)*

- 3.4.2. *Deskrizzjoni ġenerali tal-fatturi, il-politiki ewlenin, inklużi l-objettivi u l-miżuri; rabtiet mal-monitoraġġ u mal-ippjanar skont strumenti ta' politika oħrajn*
- 3.5. Valutazzjoni u ġesjtoni tar-riskju ta' diżastri
- 3.5.1. *Deskrizzjoni tal-objettivi tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ġestjoni tad-diżastri forestali b'rabbiet mal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, id-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji tal-għargħar<sup>2</sup> u l-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali.*
- 4. ABILITANTI
- 4.1. Stimi tal-ħtiġijiet ta' investiment
- 4.2. Politiki u miżuri għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati
- 4.3. Taħriġ u bini ta' kapaċità
- 5. ANNESSI (skont il-bżonn)
- 5.1. Dettalji dwar l-immudellar (inklużi s-suppożizzjonijiet) u/jew l-analiżi, l-indikaturi.

---

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji tal-għargħar (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27–34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2007/60/oj>